**Darba waħda kien hemm tajra …**

Darba waħda kien hemm tajra li ħarbet minn id tifel. Huwa kien iddiżappuntat ħafna iżda t-tajra ħadet gost tesplora l-Gżejjer Maltin.

L-ewwel ma rat kienet Iż-Żona Industrijali ta' Ħal Far, peress li t-tifel kien qiegħed itajjar it-tajra hemmhekk. Rat ħafna duħħan ħiereġ miċ-ċmieni tal-fabbriki, tant li t-tajra kważi mietet waqt li kienet għaddejja minn fuqhom!

Fi triqitha hija rat ħafna tfal jixxenqu li tinżel għandhom, iżda hi ma riditx tinżel daqshekk malajr. Taret ftit lejn in-nofsinhar ta' Malta biex tara x'hemm. Rat l-ajruport li jinsab il-Gudja u rat ajruplan tiela''l fuq lejn is-sħab. Wara reġgħet taret lejn it-Tramuntana ta' Malta.

Hawnhekk din rat l-Imdina. Għoġbuha ħafna s-swar u anke dawk il-ħafna turisti deħlin u ħerġin.

Wara li damet tħares lejn il-Belt Is-Siekta ta' Malta, jiġifieri l-Imdina, din taret lejn Lvant ta' Malta u malajr waslet fuq il-Belt Valletta. Hemm rat bini mill-isbaħ – palazzi, knejjes, ħwienet u djar. Mill-Belt Valletta qabdet it-triq għal Għawdex u meta waslet fuq Kemmuna xtaqet tinżel tgħum fil-baħar ċar u nadif.

Wara hija kompliet triqitha lejn Għawdex fejn l-aktar bini li għoġobha kien iċ-Ċittadella, belt antika mdawra bis-swar.

Wara hija ddeċidiet li terġa' tinżel Malta u tmur tittawwal lill-gżira sabiħa ta' Filfla fejn rat xi refuġjati. Iddeċidiet li tillandja ħdejhom. Dawn tgħidx kemm ferħu meta rawha u minnufih bdew jilagħbu magħha.

It-tajra ħadet ħafna gost bil-mawra tagħha għax skopriet ħafna affarijiet fuq Malta, Għawdex, Kemmuna u Filfla. Rat is-sbuħija tagħhom kif ukoll xi ħwejjeġ li jistgħu jiġu rranġati.

---